MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2016**

Rikors Numru: 145/15 LM

Wara l-Ittra Uffiċjali enumerata 1133/2014 datata l-10 ta' April, 2014,
u ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet:

**Emmanuel Mallia [433444M]**

**vs.**

**Francis Chetcuti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar, 2015 mir-rikorrent **Francis Chetcuti** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent") li jaqra hekk:

*Illi huwa għadu kif ġie nnotifikat b'ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili minn Emmanuel Mallia fl-10 ta' April, 2014 u li permezz tagħha l-imsemmi Emmanuel Mallia interpellah sabiex fi żmien tlett ijiem iħallsu s-somma ta' sitt elef, ħames mija u sitt euro (€6,506) bilanċ minn somma akbar rappreżentanti l-ammont indikat fil-kambjala ta' tmienja u tletin elf, tmien mija u tlett euro (€38,803) iffirmata fil-15 ta' Ġunju, 2012, bl-imgħax skont il-liġi sad-data tal-effettiv pagament (Ara Dok. "FC").*

*Illi l-esponent jirrispingi l-pretensjonijiet ta' Emmanuel Mallia għall-eżekuzzjoni tas-somma ta' sitt elef, ħames mija u sitt euro (€6,506) bilanċ ta' ammont akbar indikat fuq il-kambjala u dana għal dawn ir-raġunijiet:*

*1. Preliminarjament, illi l-ittra uffiċjali hija rrita u nulla għax ma ġietx ippreżentata quddiem il-Qorti Kompetenti skont il-valur tal-bilanċ tal-kambjala.*

*2. Illi bla preġudizzju għall-premess u fil-mertu, l-esponent mhuwiex debitur ta' Emmanuel Mallia għax fil-fatt huwa kien ħallas l-ammont kollu tal-kambjala li ffirma għaliha, in parti permezz ta' ċekkijiet endorsjati affavur tiegħu, in parti bi ħlas in kontanti, u in parti in forma ta' merkanzija (snieter) lilu mibjugħa u konsenjati.*

*Illi għalhekk in forza tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta r-rikorrenti qed jopponi għal finijiet u effetti kollha tal-liġi għall-eżekuzzjoni tentata minn Emmanuel Mallia ta' parti mill-kambjala fuq imsemmija ffirmata minnu fil-15 ta' Ġunju, 2012.*

*Għaldaqstant, in forza tal-premess, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara l-proċedura inzijata minn*

*Emmanuel Mallia bħala rrita u nulla, u fin-nuqqas, jogħġobha tissosspendi l-eżekuzzjoni tal-bilanċ ta' €6,506 tal-imsemmija kambjala annessa mal-Ittra Uffiċjali datata l-10 ta' April, 2014 fl-ismijiet fuq premessi u dana b'mod assolut u inkondizzjonatament.*

Rat ir-Risposta ppreżentata fis-7 t'April 2015 mill-intimat **Emanuel Mallia** (minn issa 'l quddiem "l-intimat"), li tgħid hekk:

*Illi mhuwiex minnu li l-ittra uffiċjali ġiet intavolata quddiem Qorti żbaljata. Din ġiet ippreżentata quddiem din il-Qorti minħabba li huwa l-valur imsemmi fil-kambjala de quo li jiddetermina l-kompetenza u mhux il-bilanċ li fadal pendenti, u dan stante li hija l-kambjala kollha li qed tiġi reża eżekuttiva u mhux il-bilanċ biss. Se mai din il-Qorti fid-digriet tagħha tista' tillimita l-eżegwibilità tal-kambjala għall-bilanċ pretiz.*

*Illi mingħajr preġudizzju hemm numru ta' sentenzi li jgħidu li fejn wieħed jitlob bilanċ minn somma ikbar il-kompetenza tiġi determinata mis-somma oriġinali għaliex il-qorti tkun trid tikkunsidra din is-somma oriġinali sabiex tikkonkludi jekk il-bilanċ attwalment huwiex dovut.*

*Illi fi kwalunkwe każ kien ikun hemm problema ta' kompetenza f'każ illi wieħed jipproċedi fil-qorti inferjuri flok fil-Qorti Superjuri però mhux vice versa. Il-Qorti Superjuri għandha kompetenza anke fuq valuri iżgħar u se mai ikun hemm konsegwenzi fil-kap tal-ispejjeż.*

*Illi mhuwiex minnu dak li qed jallega r-rikorrent u ċjoè li l-ammont pretiż tħallas. Kieku sar il-pagament ir-rikorrent kien jitlob li jingħata l-kambjala mingħand l-esponent. Fi kwalunkwe każ huwa r-rikorrent li jrid jipprova li sar il-ħlas.*

Rat illi b'nota ppreżentata fit-12 ta' Ġunju, 2015 fejn ir-rikorrent irtira l-eċċezzjoni tiegħu dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti *rationae valoris.*

Rat l-atti tar-Rikors.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-kontendenti.

Rat li dan il-proċediment ġie differit għal-lum għal provvediment finali.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrent istitwixxa dawn il-proċeduri abbażi tal-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li:

> "l-Qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew *promissory note* tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note* esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew *promissory note* tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ".

Illi huwa evidenti li l-proċedura speċjali maħsuba taħt l-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta tirrigwarda lill-kambjala u mhux l-att ġudizzjarju li jintbagħat biex jirrendiha eżegwibbli. Madankollu, minħabba li l-eżekuzzjoni tal-kambjala titlob il-ħruġ ta' ittra uffiċjali, b'xi mod dik l-eżegwibilità hija marbuta ma' dak l-att ġudizzjarju u s-siwi tiegħu.

Illi r-raġunijiet li ssemmi l-liġi biex tinżamm l-eżegwibilità ta' kambjala jew *promissory note* huma li:

(1) l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma jkunux tal-persuna li tintalab tħallasha u

(2) raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas tagħha.

Illi dwar it-tieni raġuni, il-Qrati tagħna elaboraw il-prinċipji li ġejjin:

(i) il-liġi ma tgħidx x'inhuma tali raġunijiet gravi u validi. Il-leġislatur ħallihom għad-diskrezzjoni tal-qrati biex jaraw huma, fil-każ partikolari li jitressaq quddiemhom, x'tista' tkun ir-raġuni tajba u gravi li twassalhom jordnaw it-twaqqif tal-eżekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note*.[1] "Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi, ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċjożament topponi tali eżekuzzjoni";[2]

---

[1] Vide s-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-16.12.2008 fil-kawża fl-ismijiet **Henry Depasquale vs. Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd**.
[2] Vide **Giovanni Briffa vs. Ronald Azzopardi** – Prim'Awla deciża fil-05.02.2008.

(ii) din il-proċedura li ddaħħlet fis-sena 2004 fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili f'dan ir-rigward kienet maħsuba biex tagħti rimedju lil min ikun intalab li jħallas kambjala jew *promissory note* maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ u jkun hemm raġuni tajba biex iżomm l-eżekuttività tagħha jew il-ħlas mitlub. Min-naħa l-oħra, wieħed irid iżomm f'moħħu li din il-proċedura tirreferi għal titoli eżekuttivi u t-tifsira għall-eċċezzjoni kontra l-eżekuttività tal-istess titoli ma tridx tkun waħda wiesgħa li ġġib fix-xejn l-effetti ta' titoli bħal dawn. Huwa għalhekk li l-liġi ssemmi raġunijiet "gravi u validi" biex twaqqaf l-eżekuttività tagħhom, fejn dan jitħalla jsir;[3]

(iii) dawn ir-raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. "Il-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħal tal-lum, il-Qorti **tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li tressaq speċifikament għal dan il-għan.**[4] Kulma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunijiet serji biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew *promissory note* li tkun."[5]

Bħala prinċipju, il-kambjala għandha ħajja awtonoma u indipendenti min-negozju li jkun wassal biex tiġi maħruġa. Għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati ma

[3] **Charles Pace et. vs. John Tonna et.,** 06.03.2013, Qorti tal-Maġistrati (Malta)(CSH).
[4] Enfasi ta' din il-Qorti.
[5] Sentenza mogħtija mill-Prim'Awla (JRM), fis-07. 03. 2008 fl-ismijiet **Gaffarena Holdings Limited vs. Seaborg Co. Limited.**

qisitx l-inċertezza dwar l-ammont dovut bħala raġuni biex tiġi sospiża l-esekuzzjoni ta' kambjala:

> "Is-socjetà rikorrenti qed tippretendi illi din il-Qorti għandha tordna s-sospenzjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjala ta' tmint elef euro (€8,000) 'il għaliex minn stħarriġ li għamlet mir-records u miċ-chits tal-Waste Serve jirriżulta li l-intimat ma wettaqx il-vjaġġi ta' ġbir kollha li għalihom is-soċjetà rikorrenti obbligat ruħha li tħallas permezz tal-imsemmija kambjala.
>
> Dan ir-raġunament kieku aċċettat minn din il-Qorti, iwassal għal stultifikazzjoni ta' *raison d'etre* ta' kambjala fil-kamp kummerċjali. Il-Qorti qieset illi s-sospensjoni, minħabba **inċertezza dwar l-ammont mhix xi raġuni valida u lanqas gravi kif imfissra mil-liġi** u hi fil-fehma tal-Qorti illi tali raġuni hi sempliċiment pretest sabiex is-soċjetà rikorrenti tigwadanja aktar żmien sabiex tħallas lill-intimat. Ir-raġuni setgħet kienet waħda valida u gravi kieku l-intimat innega addirittura illi saru l-pagamenti da parti ta' tas-soċjetà rikorrenti.
>
> Jingħad illi x'jirrappreżentaw l-ammonti msemmija fil-kambjali huwa assolutament irrilevanti għaliex hekk kif ġja ppronunċjat ruħha din l-Onorabbli Qorti diversi drabi, inkluż fid-deċiżjoni reċenti tagħha **Joseph Mamo vs. Joseph Zammit** (Rikors Numru 981/2013) deċiża fil-15 ta' Lulju 2014:
>
> > 'il-kambjala għandha ħajja indipendenti minn kwalsiasi debitu u minn kwalsiasi tranżazzjoni kummerċjali oħra u dan kif ġie deċiż fil-kawża **Charles Gatt vs. Joseph Vassallo Gatt** – deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-15 ta' Novembru, 1993, fejn il-Qorti rriteniet illi "appena kambjala tiġi ammessa, tiġi kkreata obbligazzjoni *ad hoc* għalkollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setgħet tippreċedieha".'
>
> Illi għalhekk, il-Qorti tifhem li r-raġuni miġjuba mill-eżekutati mhijiex waħda li twassal biex twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-kambjali".[6]

B'danakollu, meta l-kambjala ma tiġix iġġirata favur terzi, ma tiġix miftuma mill-obbligazzjoni oriġinali u allura din tal-aħħar tkun tista' tiġi meħuda in kunsiderazzjoni:

---

[6] **Victor Mizzi vs. Green MT Limited**, 15.12.2015, Qorti tal-Maġistrati (Malta)(CSH).

> Din il-Qorti trid tirrimarka wkoll li meta kambjala tibqa' fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (ċioè ma tiġix ġirata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok għall-istess kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun ġirata li din takkwista valur *"on the face of it"*, u allura jkun dipendenti fuq dak li joħroġ u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu magħruf, ma toħloqx novazzjoni, meta tibqa' f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tiġi distakkata mill-obbligazzjoni oriġinali."[7]

Skont l-awtur kummerċjalista Cesare Vivante[8]:

> *"Chi firma una cambiale si trova in una posizione giuridica diversa secondo che si trova di fronte colui col quale ha trattato od un terzo estraneo a questo rapporto. Fra i due primi si applicano le regole sulla validità e sugli effetti del rapporto che li ha posti in contatto; fra di loro il titolo può essere un documento parziale di rapporti più complessi, per esempio, di vendita o di mutuo, e questi rapporti materiali possono ridurre e perfino escludere il credito cambiario."*

Konsistentement ma' dan it-tagħlim, ġie ritenut li meta l-kambjala ma tkunx ġiet negozjata u tibqa' f'idejn il-kreditur oriġinali, id-debitur jista' jqanqal eċċezzjonijiet personali, bħall-kompensazzjoni, il-pagament, jew il-maħfra totali jew parzjali tal-ammont kambjarju;[9]

(iv) it-twaqqif tal-eżekuzzjoni ma jridx jitħallat mal-kwestjoni tas-siwi tal-kambjala jew ma' raġuni għat-tħassir tagħha, liema eżerċizzju ma jsirx taħt il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12, iżda b'kawża mressqa appożitament;

(v) Illi l-ġurisprudenza tipprovdi każijiet li jixħtu dawl dwar liema jistgħu jkunu dawk iċ-ċirkostanzi serji biżżejjed biex jitqiesu bħala "raġuni gravi" għall-finijiet

---

[7] **Albert Bonnici vs. Emanuel Cachia**, 10.06.2010, Qorti tal-Maġistrati, (CSH).
[8] *Diritto Cambiario,* para. 138.
[9] **Edgar Staines vs. Henry Trapani**, 21.11.1940, Qorti tal-Kummerċ - Kollez. XXX.iii.409.

tal-imsemmi Artikolu 253(e):

(a) kemm-il darba jintwera mad-daqqa t'għajn li l-kambjala tkun inħarġet bi vjolenza fuq il-persuna li ġibditha jew jekk tkun saret għal għanijiet li jiksru xi liġi, dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jitqiesu bħala "gravi" biex iservu ħalli titwaqqaf l-eżekuzzjoni tagħhom, sakemm l-azzjoni għat-tħassir tal-istess kambjali tkun tista' titressaq u tkun mistħarrġa minn Qorti; [10]

(b) meta r-rikorrent ikun għamel kontro-talba f'kawża biex jinforza l-kambjala. B'hekk ikun qiegħed jagħmel żewġ talbiet separati sabiex jitħallas l-allegat kreditu tiegħu kif naxxenti mill-kambjali. Dan ma jistax isir għaliex f'każ li l-kontro-talba tiegħu tiġi milqugħa fil-kawża li hemm pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta u fl-istess ħin din l-ittra uffiċjali tiġi reża esekuttiva, l-intimat ikollu żewġ titoli eżekuttivi sabiex jenforza meta l-kreditu tiegħu huwa wieħed;[11]

(ċ) meta jirriżulta li ħafna mill-kambjali li dwarhom tintalab sospenżjoni tal-eżekuzzjoni jkunu ġew imħallsa;[12]

(d) Il-Qorti jkollha dubji "ferm serji" li il-kambjala kienet imċappsa bl-użura.[13]

---

[10] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Ian Pecorella vs. Sovereign Caterers Ltd. et**, Qorti tal-Appell 03.02.2012.

[11] **Michael Darmanin vs. Dino Schembri,** 26.02.2014, Qorti tal-Maġistrati (Malta)(CSH).

[12] **Charles Pace vs. John Tonna**, 06.03.2013 Qorti tal-Maġistrati (Malta)(CSH).

[13] **Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-05.02.2008; **Joseph Mary Farrugia vs. Gontram Borg noe**, deċiża fil-15.11.1985.

(vi) L-indaġni tkun biss prima facie: "Il-Qorti trid tagħmilha ċara illi hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi il-Qrati tagħna fir-rigward tal-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 tal-Kap. 12 li hija simili għal din il-proċedura (naturalment hemm differenzi importanti għaliex l-Artikolu 836 jirrigwardja l-ħruġ ta' kontromandat) din għandha tkun waħda sommarja u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' *prima facie.* Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża **Camilleri vs. Govè et** deċiża fl-10 ta' Mejju 2001: '*mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja* (ara ukoll is-sentenza fil-kawża **Emanuel Sammut vs. Josephine Sammut** deċiża fil-5 ta' Ġunju 2003). F'sitwazzjoni bħal dik odjerna pero', billi r-rikorrenti ikun qed jitlob biss l-opportunità li jikkontesta azzjoni kambjarja eventwali, il-Qorti tħoss ukoll li għandha tkun sodisfatta li dwar il- validità tal-kambjala *ut sic* u dwar iċ-ċirkostanzi rigwardanti l-ħruġ tagħha ma hemm ebda dubju ta' validità.

Għalhekk il-Qorti trid tara jekk *prima facie* jeżistux raġunijet, dejjem skont is-sub-artikolu imsemmi mir-rikorrenti, biex tara tagħtix ċans lir-rikorrenti li jikkontestaw din il-kawża eventwali, għaliex ma hemmx dubju li l-emenda li permezz tagħha l-kambjala saret titolu eżekuttiv kienet intiża biex tevita azzjonijiet inutili fejn l-eċċezzjonijiet tal-konvenut huma tassew limitati. Kwindi l-Qorti trid appuntu tara jekk il-konvenut hemmhekk ikollux opportunità

jressaq b'suċċess dawn l-eċċezzjonijiet."[14]

Fil-proċedura preżenti, il-kambjala kienet waħda maħruġa mir-rikorrent Francis Chetchuti favur l-intimat Emanuel Mallia.[15] Din il-kambjala ma ġietx iġġirata favur terzi, u għalhekk, l-eċċezzjoni tar-rikorrent għalkemm hija waħda personali, billi tikkonsisti fl-allegazzjoni li huwa ħallas l-ammont kollu dovut, hija waħda ammissibbli f'kawża li tattakka l-kambjala u hekk ukoll hija ammissibbli f'din il-proċedura billi mhix usa' minn dak li r-rikorrent jista' jqanqal f'kawża appożita.

Illi jmiss jiġi eżaminat jekk l-imsemmija allegazzjoni tirriżultax *prima face* fondata:

Francis Chetcuti jimporta l-armi u jbigħhom. Emanuel Mallia silef lil Francis Chetcuti is-somma ta' €37,029 biex iħallas merkanzija li kien ordna. Bi skrittura l-kontendenti ftiehmu li dan l-ammont jitħallas fi żmien sena bl-imgħax ta' 8%. Il-kontendenti żiedu l-imgħax ta' sena fuq is-somma mislufa minn Mallia lil Chetcuti u għamlu kambjala għal €38,803. Mallia xtara mingħand Chetcuti snieter u armi oħra għall-valur ta' €18,040. Sadanittant Chetcuti kien qed iħallas lil Mallia bi ħlasijiet li jagħmlu l-klijenti. Ġara li l-kontendenti ma bdewx jaqblu dwar konteġġi billi Mallia ma kienx idaħħal il-ħlasijiet kollha li kien jagħmel Chetcuti u ma qablux ukoll fuq il-kalkolu tal-imgħax. Skont Mallia, fadallu jieħu €6,506 mingħand Chetcuti. Skont Chetcuti, li qabbad ukoll *accountant*, hemm bilanċ favurih ta' €2,090 u dan billi ma ġewx imdaħħla

---

[14] **Ian Pecorella vs. Sovereign Caterers Limited,** 11.03.2009, P.A.(JA).
[15] A fol. 5.

fatturi li jiswew b'kollox €3,251.40, u żewġ pagamenti b'total ta' €3,500 u imgħaxijiet anticipati ta' €2,874. Ikkontroeżaminat, Emanuel Mallia jgħid li ż-żewġ pagamenti huma mdaħħla bħala parti minn totali ta' ammonti oħra.

Jirriżulta għalhekk, mal-ewwel daqqa t'għajn, li hemm dubju serju dwar jekk l-ammont imsemmi fil-kambjala għadux dovut jew le u dan jammonta għal raġuni gravi l-għalfejn l-eżekuzzjoni tal-kambjala m'għandha tiġi sospiża ai termini tal-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

## Decide

**Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tilqa' it-talba tar-rikorrent billi tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala imsemmija fl-ittra uffiċjali numru 1133/2014 a tenur tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**L-ispejjeż huma a karigu tal-intimat.**

Moqrija